MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2022

Appell Inferjuri Numru 4/2021 LM

**Valentina A. Sammut**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Bord tal-Accountancy u b'digriet tal-4 ta' Marzu, 2021, ġie mibdul għal Martin Spiteri fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord tal-Accountancy**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Martin Spiteri (K.I. nru. 321461(M)) fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord tal-Accountancy** [minn issa 'l quddiem 'l-Bord appellant'] mid-

deċiżjoni mogħtija fl-10 ta’ Jannar, 2022, [minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’], mit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda billi filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni, u ċaħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu, laqa’ l-appell tar-rikorrenti **Valentina A. Sammut (K.I. nru. 0494412L)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’] billi rrevoka d-deċiżjoni appellata sabiex b’hekk ir-rikorrenti kellha tingħata l-opportunità kif imfisser mit-Tribunal, u sussegwentement il-Bord appellant jieħu deċiżjoni mill-ġdid, bl-ispejjeż kontra l-istess Bord appellant.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-appellata tal-20 ta’ Novembru, 2019, mal-Bord appellant għall-ħruġ favur tagħha ta’ *warrant* ta’ *accountant* sabiex hija tkun tista’ tipprattika din il-professjoni hawn Malta. Iżda permezz tad-deċiżjoni tiegħu tal-4 ta’ Jannar, 2020, il-Bord appellant ċaħad it-talba tagħha għaliex fil-fehma tiegħu *“[y]our request for the award for a temporary CPA warrant is considered by the Board as not being sufficiently justified”.*

## Mertu

3. L-appellata ntavolat proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta’ rikors fit-22 ta’ Jannar, 2021, fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord appellant tal-4 ta’ Jannar, 2020,

fejn dan irrifjuta l-applikazzjoni tagħha għal ħruġ ta' *warrant* temporanja f'isimha, u minflok jilqa' l-applikazzjoni tagħha għall-ħruġ ta' *warrant* ta' *accountant*, bl-ispejjeż kontra l-Bord appellant.

4. Il-Bord appellant laqa' billi eċċepixxa preliminarjament li (a) huwa mhuwiex persuna ġuridika u għalhekk għandha ssir korrezzjoni fl-okkju tal-appell *ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kap. 12; fil-mertu (b) it-talbiet tal-appellata kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħha stante li hija ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti skont il-liġi sabiex tikkwalifika għal *warrant* ta' *accountant*; (ċ) huwa kien aġixxa skont il-liġi fl-eżerċizzju tal-funzjoni tiegħu li jirregola l-professjoni tal-*accountancy* fl-interess pubbliku; (d) jekk tintlaqa' l-applikazzjoni tal-appellata, dan ifisser li ser jinħoloq preċedent ferm perikoluż billi jagħti lok lil persuni mhux ikkwalifikati b'mod adegwat li japplikaw għal *warrant* ta' *accountant*; (e) l-appellata kienet diġà applikat għal *warrant* ta' *accountat* fl-20 ta' Diċembru, 2014, fejn il-Bord appellant irrifjuta l-applikazzjoni tagħha; (f) wara talba għal rikonsiderazzjoni permezz tal-preżentata ta' ċertifikat mill-*Institute of Professional Accountants and Auditors of Russia* f'Marzu tal-2017, il-Bord kien infurmaha li hija ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti skont il-para. (ċ) tas-subartikolu 3(2) tal-Kap. 281; (ġ) il-Bord appellant kien għalhekk ikkunsidra li l-kwalifiki tal-appellata ma kienux ekwivalenti għall-grad professjonali fl-*accountancy* organizzat mill-Università ta' Malta jew livell ekwivalenti; (g) l-appellata ma kinitx appellat dik id-deċiżjoni; (ħ) minflok, sentejn u nofs wara l-appellata kienet ippreżentat applikazzjoni ġdida; (h) il-Bord kien talabha sabiex tiġġustifika t-talba tagħha; (i) l-appellata wieġbet permezz ta' ittra tas-17 ta' Awwissu, 2020 fejn talbet għall-ħruġ ta' *warrant*

temporanja għal żmien ħames snin; (j) tliet ġimgħat wara, l-appellata bagħtet *email* lis-segretarju tal-Bord appellant bl-istess rikjesta; (k) fl-4 ta' Jannar, 2021, il-Bord appellant infurmaha li l-ġustifikazzjonijiet imfissra fl-ittra tagħha ma kienux suffiċjenti; (l) għal dawn ir-raġunijiet, l-appell tagħha kellu jiġi miċħud; (m) salv risposti ulterjuri.

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> ***"Ikkunsidra:***
>
> *Illi r-rikorrenti intavolat dawn il-proċeduri sabiex dan it-Tribunal jagħmel reviżjoni tad-deċiżjoni meħuda mill-Bord li jiċħad l-applikazzjoni tagħha għall-għoti ta'* warrant ta' accountant.
>
> *Illi skont ma' xehed il-Professur Peter J. Baldacchino, ir-rikorrenti ma kinitx tissodisfa l-kriterji li wieħed irid ikollu biex jingħata l-*warrant *ta'* accountant *ai termini tal-Kapitolu 281 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi jirriżulta li l-kriterju li ma ġiex sodisfatt kien it-tip ta' materjal li kien kopert fil-korsijiet li hija għamlet barra minn Malta. Ġie spjegat illi l-Bord għandu sistema li permezz tagħha jekwipara d-diversi korsijiet offruti minn istituzzjonijiet barranin u dan permezz ta' sistema adottata mill-Association of Chartered Certified Accountants (ACCA).*
>
> *Illi però f'artikolu 3 tal-Kapitolu 281 hemm stipulat illi jekk applikant ma jissodisfax il-kriterju tal-kors organizzat mill-Universita ta' Malta jew kors ekwivalenti, allura l-Bord għandu jistieden lill-applikant jagħmel eżami, li parti minnu jew kollu kemm hu għandu jkun bil-miktub, ta' kompetenza professjonali li jkollu livell ta' eżami finali jew ekwivalenti bħal dak ta' Università, li jkun rikonoxxut jew li jsir mill-Bord għal dak l-għan.*
>
> *Illi jirriżulta li l-Bord ma mexiex ma' dak stipulat f'artikolu 3(2)(d) tal-Att u dan għaliex ma tax opportunità lir-rikorrenti tissottoponi ruħha għall-eżami msemmi fl-istess disposizzjoni tal-liġi.*

*Għaldaqstant jirriżulta illi l-Bord ħa deċiżjoni aħħarija qabel ma ta opportunità lir-rikorrenti tagħmel l-eżami hawn fuq ċitat.*

*Illi għalhekk it-Tribunal se jkun qiegħed jirrevoka d-deċiżjoni appellata sabiex il-Bord jagħti l-opportunità msemmija u jkun biss wara li r-rikorrenti tingħata din l-opportunità li jkun jista' jasal għal deċiżjoni finali tiegħu skont il-liġi.*

*Illi finalment, it-Tribunal jagħmel referenza għall-aħħar parti tat-talbiet tar-rikorrenti, u ċioé fejn talbet li dan it-Tribunal jilqa' t-talba tagħha għall-applikazzjoni tal-ħruġ tal-warrant ta' accountant. Illi kif inhu risaput, dan it-Tribunal ma jista' qatt jissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' awtorità amministrattiva ma' dik tiegħu. Din id-diskrezzjoni għandha titħalla dejjem f'idejn l-amministrazzjoni. Il-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija biss li jirrevedi jekk dik id-diskrezzjoni ġietx eżerċitata skont il-liġi."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. Il-Bord appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-27 ta' Jannar, 2022, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha:

*"1. Tannulla s-sentenza appellata tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tal-10 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet Valentina A. Sammut vs Bord tal-Accountancy u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2021 ġie mibdul għal Martin Spiteri fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord tal-Accountancy; u f'każ li din it-talba ma tiġix milqugħa,*

*2. tirrevoka s-sentenza appellata tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tal-10 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet Valentina A. Sammut vs Bord tal-Accountancy u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2021 ġie mibdul għal Martin Spiteri fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord tal-Accountancy u konsegwentement tiċħad it-talba tar-rikorrenti appellata u tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-esponenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) is-sentenza appellata hija *ultra* u anki *extra petita;* u (b) it-Tribunal għamel interpretazzjoni u konsiderazzjonijiet żbaljati tal-liġi.

7. L-appellata laqgħet permezz tat-tweġiba tagħha tal-25 ta' April, 2022, fejn tikkontendi li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u għalhekk timmerita li tiġi kkonfermata għal dawk ir-raġunijiet li tfisser fir-risposta tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-Bord appellant, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellata u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

9. Il-Bord appellant fl-ewwel aggravju tiegħu jirrileva n-nullità u l-irritwalità tas-sentenza appellata, stante li t-Tribunal aġixxa *ultra* u *extra petita*. Jispjega li t-Tribunal iddeċieda ir-rikors skont il-konsiderazzjoni li huwa stqarr li għandu jagħmel. Irrileva li l-appellata kienet applikat għal *warrant* temporanja ta' *accountant* taħt is-subartikolu 3(3) tal-Kap. 281, iżda t-Tribunal ma kkunsidrax li hija fil-fatt kienet diġà applikat għal *full warrant* fl-20 ta' Diċembru, 2014, fejn l-applikazzjoni kienet ġiet irrifjutata għal darba, darbtejn, iżda madankollu l-appellata għażlet li ma tappellax id-deċiżjoni mogħtija fis-sena 2017. Jikkontendi li t-Tribunal madankollu ma kkunsidrax dan il-fatt importanti, jiġifieri li d-deċiżjoni kienet saret *res judicata.* Minflok huwa kien għadda sabiex għamel analiżi tal-provvedimenti tas-subartikolu 3(3) tal-Kap. 281, li taħtu saret l-applikazzjoni tal-appellata, u ddeċieda skont dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 3(2) fejn il-konsiderazzjoni ormai kienet saret *res judicata.* Il-Bord appellant isostni li l-appellata mhijiex ikkwalifikata kif għandha tkun taħt is-subartikolu 3(3), u għalhekk ma kinitx tikkwalifika għal *warrant* temporanja

skont l-istess subartikolu. Filwaqt li jagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Ronald Agius et *vs.* Paul Portelli** deċiża fit-2 ta' Marzu, 2007, mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri), issottometta li s-sentenza appellata hija nulla għaliex it-Tribunal iddeċieda fuq kawżali differenti minn dik imressqa mill-appellata, u l-konsiderazzjonijiet tal-Bord appellant issa kienu jikkostitwixxu *res judicata.* Il-Bord appellant jgħid li mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, it-tieni aggravju tiegħu huwa li t-Tribunal straħ fuq konsiderazzjoni żbaljata meta ddeċieda l-każ. Jgħid li huwa legalment skorrett dak li qal it-Tribunal *"[i]lli jirriżulta li l-kriterju li ma ġiex sodisfatt kien it-tip ta' materjal li kien kopert fil-korsijiet li hija għamlet barra minn Malta".* Huwa ċċita dak li qal il-Profs. Baldacchino fl-affidavit tiegħu, u stqarr li wieħed jistaqsi kif l-appellata setgħet tkopri l-istess tip ta' materjal f'sentejn, meta hawn Malta dan jiġi kopert f'ħames snin. Huwa jagħmel riferiment għax-xhieda in kontro-eżami tal-imsemmi Profs. Baldacchino dwar jekk id-diploma li għandha l-appellata fil-finanzi u l-ekonomija, tkoprix l-awditjar u l-*accounting*. Jgħid li t-Tribunal straħ id-deċiżjoni tiegħu fuq il-para. (d) tas-subartikolu 3(2) tal-Kap. 281, u l-Bord appellant jgħaddi sabiex jiċċita l-istess. Jissottometti li dan ġie ntrodott fil-liġi Maltija permezz tal-Att IX tal-2008, li kien jirrifletti d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju, 2006, dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati. Isostni li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li min ikun għamel kors ta' studju ta' kważi l-istess livell għal dak Ewropew, ikun jista' jikkumpensa permezz ta' eżami jew tnejn sabiex jilħaq il-livell mistenni, iżda fil-każ tal-appellata dan ma setax isir għaliex il-kors ta' studju tagħha kien ta' sentejn u mhux ta' ħames snin kif mitlub f'Malta u fl-Ewropa. Jinsisti li hija kienet tenuta issegwi kors universitarju jew l-ekwivalenti

fit-tul ta' ferm aktar minn sena. Huwa jagħmel riferiment għall-Artikolu 6 tad-Direttiva, u jikkontendi li l-appellata ma komplietx kors ta' tagħlim teoretiku ekwivalenti għal dak Malti jew Ewropew, sabiex imbagħad tersaq għall-eżami finali. Hawn il-Bord appellant jagħmel ukoll riferiment għall-Artikolu 7 tad-Direttiva, u filwaqt li jagħmel ukoll riferiment għal-L.S. 281.01 u jiċċita r-regolament 7 tiegħu, jikkontendi li l-eżami ta' kompetenza teoretika jeħtieġ ikopri s-suġġetti kollha msemmija f'dawk ir-regolamenti. Jgħid li huwa mhux università jew istituzzjoni edukattiva, u s-suġġetti msemmija fir-regolament 7 kellhom jiġu koperti minn kors sħiħ organizzat minn wieħed minn dawn, filwaqt li mkien ma kien hemm indikat li huwa għandu l-funzjoni wkoll li jagħmilha ta' istituzzjoni edukattiva li torganizza l-eżamijiet fis-suġġetti kollha kif elenkati fl-imsemmi regolament 7. Isostni li jekk id-deċiżjoni tat-Tribunal tiġi kkonfermata, dan kien ser iwassal għal preċedent ferm perikoluż, li jagħti lok li persuni mhux adegwatament ikkwalifikati, japplikaw mal-istess Bord appellant sabiex jottjenu *warrant* ta' *accountant,* u huwa jkollu jagħmilha ta' istituzzjoni edukattiva u jorganizza l-eżamijiet, sitwazzjoni li ċertament ma tkunx fl-interess tal-professjoni tal-*accountancy* u fl-interess pubbliku.

10. L-appellata twieġeb billi tgħid li dak li qed jiġi rilevat mill-Bord appellant huwa inveritier, għaliex it-Tribunal iddeċieda skont is-subartikolu 3(3) tal-Kap. 281 li fuqu hija kienet straħet l-azzjoni tagħha. Tispjega li t-talba tagħha lit-Tribunal kienet sabiex titħassar u tiġi revokata d-deċiżjoni tal-Bord appellant tal-4 ta' Jannar, 2020, fejn kienet ġiet miċħuda l-applikazzjoni tagħha għal ħruġ ta' *warrant* temporanja ta' *accountant.* Tgħid li t-Tribunal kellu kull setgħa li jagħmel dan skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 281 u tal-Kap. 490, iżda minflok irrevoka id-deċiżjoni tal-Bord appellant sabiex dan jieħu deċiżjoni mill-ġdid. L-

appellata tikkontendi li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 281 ma jillimitawx id-drabi li applikant jista' japplika għal *warrant* temporanja ta' *accountant.* Tgħid li huwa inġust li l-Bord appellant jiddikjara li kienet deċiżjoni konxja tagħha li fis-sena 2017 tonqos milli tappella, u tispjega li hija qatt ma kienet ġiet notifikata bid-deċiżjonijiet. L-appellata tkompli tgħid li fl-2019 hija kienet għal darb'oħra għamlet tentattiv sabiex tikseb *warrant* temporanja ta' *accountant*, u l-appell tagħha quddiem it-Tribunal kien jirrigwardja biss din it-tielet applikazzjoni tagħha. Għalhekk kien erroneju u żgwidanti li jingħad li din id-deċiżjoni kienet diġà saret *res judicata.* L-appellata tikkontendi li huwa ċar li permezz tas-subartikolu 3(3) tal-Kap. 281, il-leġislatur ried jagħti l-opportunità lil persuni ġejjin minn pajjiż terz barra l-Unjoni Ewropea li japplikaw għal *warrant* ta' *accountant* hawn Malta, iżda permezz tas-subartikolu 3(2) il-leġislatur ħa ħsieb ukoll li jniżżel il-kriterji sabiex jiġi assigurat li min jingħata dak il-*warrant* ikollu l-kriterji adegwati. Tissottometti li l-artikoli tal-liġi għandhom jinqraw flimkien, speċjalment fil-każ odjern, fejn wieħed qed jagħmel eżerċizzju fejn iqabbel il-kwalifiċi ta' pajjiżi terzi ma' dawk lokali. Tgħid li għalhekk it-Tribunal kien korrett li jaqra u li jinterpreta l-artikolu 3 tal-Kap. 281 *in toto,* altrimenti s-subartikolu 3(3) waħdu kien ikun wieħed frivolu u bla effett. L-appellata tispjega li dan saħansitra jagħmel riferiment għas-subartikolu 3(2). Tkompli tirrileva li fis-subartikolu 3(3) tal-Kap. 281, il-leġislatur ma kkwalifikax u lanqas eskluda xi pajjiż partikolari, u għalhekk wieħed jassumi li hija wkoll kellha d-dritt li tiġi kkunsidrata għal *warrant* taħt l-imsemmi artikolu. Għalhekk ir-raġunament tax-xhud il-Profs. Baldacchino fl-affidavit tiegħu, imur kontra l-intenzjoni tal-leġislatur u joħloq diskriminazzjoni bejn pajjiżi terzi diversi, meta qal li ġeneralment jiġi kkundsidrat li tingħata *warrant* lil persuni li ġejjin minn pajjiżi

terzi bħal Kanada jew l-Awstralja, għaliex huwa faċli *"to bench-mark them against ACCA".* Kif jirriżulta mill-provi dokumentarji tagħha quddiem it-Tribunal, l-appellata għandha snin twal ta' esperjenza f'xogħol ta' *accountancy* u anki għandha diversi kwalifiċi, u tindika liema huma dawk l-aktar għolja. L-appellata tikkontendi li l-kontenut tal-korsijiet li hija ssemmi mhuwiex identiku għal dawk offruti hawn Malta, iżda huwa simili fis-suġġett tal-*accountancy* u l-awditjar, b'eċċezzjoni tal-liġijiet lokali, u dan il-Bord appellant seta' u kellu l-obbligu legali taħt il-Kap. 281 jivverifika kif mitlub skont il-liġi. L-appellata tikkjarifika s-sottomissjoni tal-Bord appellant dwar id-domanda diretta li kienet saret lill-Profs. Baldacchino, u tgħid li f'paġna 6 u 7 tat-*transcript* tal-kontro-eżami tiegħu, huwa ma weġibx b'mod dirett fuq id-diploma ppreżentata minnha, iżda f'sfond ieħor. Tgħid li kuntrarjament għall-mod kif il-Bord appellant qed jinterpreta l-liġi, minn imkien ma toħroġ l-intenzjoni tal-leġislatur li wieħed jiġi kkunsidrat għal *warrant* jekk "*ikun għamel kors ta' studju li huwa kważi tal-istess livell għal dak Ewropew".* Tgħid li aktar mit-tul tal-kors, il-kontenut jiddetermina l-livell li wieħed ikun laħaq fil-professjoni tiegħu, u għalhekk il-liġi tobbliga lill-Bord appellant sabiex jagħmel il-verifiki tiegħu. Tikkontendi li hija għandha diversi snin ta' esperjenza fl-*accounting* u l-awditjar, u d-Direttiva numru 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju, 2006, in partikolari l-Artikolu 11 tagħha, tikkunsidra l-esperjenza professjonali bħal tagħha bħala fattur li wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni, u b'hekk id-Direttiva tidderiġi lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea sabiex jagħtu l-opportunità lin-nies ta' pajjiżi terzi sabiex ikunu jistgħu japplikaw skont l-esperjenza, u fejn din għandha tittieħed in konsiderazzjoni flimkien ma' korsijiet speċifiċi. L-appellata tirrileva li hija wkoll ċittadina Maltija,

miżżewġha raġel Malti, u l-esperjenza ta' xogħol bħala *accountant* għamlitha kemm fil-pajjiż minn fejn hija ġejja, iżda anki hawn Malta fejn ilha minn April tas-sena 2006. Tikkontendi li mhijiex raġuni valida fil-liġi u skont l-ispirtu tal-istess liġi li hija tiċċaħħad minn *warrant,* għaliex jekk it-talba tagħha tintlaqa', ser jinħoloq preċedent perikoluż. L-appellata tgħid li l-Bord għandu obbligu fil-liġi li jikkunsidra u joħroġ *warrants* wara li jagħmel paragun u jagħmel ċert li wieħed għandu kwalifiċi adegwati, u dan minkejja li l-proċess jista' jkun wieħed diffiċli u *time-consuming.* B'hekk biss tgħid jista' jintlaħaq l-għan tal-leġislatur skont is-subartikolu 3(3) tal-Kap. 281.

11. Il-Qorti tosserva li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu tassew straħ fuq id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 3(2) tal-Kap. 281, u saħansitra ddikjara li l-Bord appellant ma kienx mexa skont dak rikjest mill-paragrafu (d) ta' dak is-subartikolu, billi naqas milli jagħti opportunità lill-appellata sabiex toqgħod għall-eżami kif maħsub fl-imsemmi paragrafu. Iżda tosserva wkoll li l-appellata fir-rikors tagħha quddiem il-Bord ma kinitx ċara u konsistenti dwar liema subartikolu hija kienet qegħda tinvoka. Għandu jingħad li fl-ittra tagħha tal-20 ta' Novembru, 2019, annessa mal-applikazzjoni tagħha għall-ħruġ ta' *warrant* ta' *Certified Public Accountant,* l-appellata talbet sabiex l-imsemmija applikazzjoni tiġi kkunsidrata taħt is-subartikolu 3(3) tal-Kap. 281, u fid-deċiżjoni tiegħu tal-4 ta' Jannar, 2020, il-Bord appellant iddikjara li huwa kien qed jiċħad l-applikazzjoni tagħha għall-ħruġ ta' *CPA warrant* temporanja. Imbagħad fir-rikors quddiem it-Tribunal, l-appellata wara li tiddikjara li hija tissodisfa r-rekwiżiti elenkati fis-subartikolu 3(2) tal-Kap. 281 sabiex tingħata *warrant* ħalli tippratika l-professjoni ta' *accountant* hawn Malta, tagħmel riferiment għas-subartikolu sussegwenti 3(3) tal-Kap. 281, li jagħti l-jedd lill-

Bord appellant sabiex *"...joħroġ, lil xi persuna li tkun kwalifikata kif imiss biex taġixxi bħala* accountant *f'xi pajjiż terz,* warrant *biex taġixxi bħala* accountant *f'Malta għal dak il-perijodu limitat jew għal dawk il-perijodi limitati jew għal dak l-għan speċifiku jew għal dawk l-għanijiet speċifiċi, jew kemm għal dak il-perijodu kif ukoll għal dak l-għan, u suġġett għal kull kondizzjoni oħra li tista' tiġi speċifikata fil-*warrant*".* Iżda mbagħad tissottometti li qabel il-Bord appellant wasal għad-deċiżjoni tiegħu li ġiet ikkomunikata lilha diversi xhur wara, huwa ma talab għall-ebda kjarifika min-naħa tagħha jew saħansitra ntalbet sabiex tidher u tingħata l-opportunità li tispjega għaliex kellha tinħareġ il-*warrant.* Tkompli tgħid fl-istess rikors quddiem it-Tribunal, li l-Bord ma kien ta l-ebda spjegazzjoni għaliex fil-fehma tiegħu r-rikjesta tagħha ma kinitx suffiċjentement ġustifikata, u għalhekk tgħaddi sabiex titlob lit-Tribunal sabiex iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord appellant, u dan filwaqt li jilqa' it-talba tagħha għall-ħruġ ta' *warrant* ta' *accountant.*

12. Għalhekk il-Qorti tgħid li għalkemm l-appellata ma kinitx konsistenti fil-premessi tar-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, joħroġ ċar xorta waħda li t-talba tagħha kienet imsejsa fuq is-subartikolu 3(3) tal-Kap. 281 u t-talba tagħha kienet saħansitra għall-ħruġ ta' *warrant* temporanja kif ikkontemplata minn dan is-subartikolu. Għalhekk kif sewwa jirrileva l-Bord appellant, id-deċiżjoni tat-Tribunal tistrieħ fuq konsiderazzjonijiet legali differenti minn dawk li l-appellata ppreżentat fir-rikors tagħha quddiemu. Tikkunsidra li effettivament dak li kien mitlub u tenut jagħmel it-Tribunal, kien li jinvestiga d-deċiżjoni appellata tal-Bord appellant *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 490.

13. Għaldaqstant il-Qorti ssib ġustifikat l-ewwel aggravju tal-Bord appellant u tilqgħu, iżda fid-dawl ta' dak li ser tipprovdi għalih il-Qorti ma tarax li hemm bżonn li tikkunsidra l-kumplament tal-appell, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tiegħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-Bord appellant billi tilqgħu u tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-imsemmi Tribunal sabiex dan ikompli jinvestiga l-kwistjoni mressqa mill-appellata kif fuq imfisser.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u dawk tal-appell odjern għandhom jitħallsu mill-partijiet rispettivi.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**